Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2797

13.12.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2797

## tat-8 ta' Diċembru 2023

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-10 ta' Ottubru 2023 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (BĊE/2023/25) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Banka Slovenije, PricewaterhouseCoopers, podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d.o.o., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2023. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2024 'il quddiem.

(3) Banka Slovenije għażel lil Mazars, družba za revizijo, d.o.o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Mazars, družba za revizijo, d.o.o. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. Mazars, družba za revizijo, d.o.o. huma b'dan approvata bħala l-awdituri esterni għal Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026.".

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

([1]) ĠU C, C/2023/427, 19.10.2023, http://data.europa.eu/eli/C/2023/427/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
N. CALVIÑO SANTAMARÍA